# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

# IMHALLEF

# ONOR. TONI ABELA LL.D.

**Rikors numru 750/20TA**

**Mousa Aghil et**
**Vs**
**Fatih Pancar et**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' Fatih Pancar (il-konvenut) tat-12 ta' Jannar 2024.

Rat ir-risposta ta' Mousa Aghil tas-26 ta' Jannar 2024.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

**Ikkunsidrat**

Dak li qed ifittex il-konvenut bir-rikors odjern huwa li din il-Qorti tisfilza r-referenzi kollha tax-xhieda jew verzjonijiet mogħtija mill-konjugi Davies. Dawn kollha jinsabu fil-proċess tal-Qorti tal-Magistrati numru 451/2015 u dak tal-Appell numru 455/2017fl-ismijiet Il-Pulizija -vs- Fatih Pancar.

Il-Qorti qrat b'reqqa d-duttrina ċitata mill-konvenut liema duttrina ma hiex preċiżament applikabbli għaċ-ċirkostanzi li għandha quddiemha din il-Qorti.

Qabel xejn l-atti li qed jsemmi l-konvenut jagħmlu parti minn proċess li ġiet ammessa l-allegazzjoni tiegħu permezz ta' digriet mogħti minn din il-Qorti tat-23 ta' Frar 2022. Dan id-digriet ma ġiex appellat u lanqas intalbet rikonsiderazzjoni tiegħu. Sena wara, il-konvenut irid li kemm ix-xhieda u kif ukoll il-verżjonijiet mogħtija mill-konjugi Davies jiġu sfilzati.

Il-Qorti taqbel mija fil-mija li l-kontroeżami ta' xhud huwa sagrosant. Il-konvenut qiegħed jilmenta li huwa ser ikun imċaħħad minn dan id-dritt. Żgur mhux f'dawn il-proċeduri għaliex il-konjuġi Davies qatt ma xehedu. Kwantu għax-xhieda tagħhom fil-proċeduri kriminali l-kontroeżami tagħhom sar mill-avukat li dak iż-żmien kien qiegħed jippatroċina lill-konvenut, akkużat f'dawk il-

proċeduri. Di fatti l-konjuġi Davies ġew kontro-eżaminati fis-seduta tas-26 ta' Gunju 2015. Għalhekk, konsapevoli li dawn kienu xhieda barranin għamel sewwa l-avukat tal-konvenut (akkużat f'dawk il-proċeduri) li ħataf l-okażżjoni li jikkontro-eżaminaħom b'hekk tassew evita il-preġudizzju li jibqa' mingħajr kontro-ezami.

Għalhekk huwa għal kollox skorrett meta l-konvenut jgħid li huwa ma kienx parti f'dawn il-proċeduri u lanqas kien parteċipi għalihom u li għalhekk qatt ma kellu l-opportunita li jagħmel il-kontroeżami tax-xhieda.

Tajjeb li jingħad, li dawn it-talbiet qed isiru sena wara li ngħata d-digriet fuq imsemmi meta kif ingħad ma sar ebda appell minnu jew din il-Qorti ntalbet li tirrikonsidra għalkemm huwa veru wkoll li dan l-appell jista' jsir mas-Sentenza finali.

Fir-rikors tiegħu l-konvenut jargumenta bil-qawwa li l-azzjoni penali hija għal kollox distinta u separata minn dik ċivili. Dan irid jinftiehem li jfisser, li l-eżitu tal-proċeduri penali mhux bilfors iwasslu għall-istess riżultat fil-kamp ċivili pero' dan lanqas ma jfisser li l-provi f'dak il-proċess ma jistgħux jitressqu f'dawk ċivili.

Għalkemm il-proċeduri kriminali huma distinti u separati minn dawk ċivili, Qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili tista' tirreferi għal dak deċiż f'kamp kriminali għall-fini tal-apprezzament tal-provi prodotti quddiemha, u s-sentenza hija prova li l-Qorti Civili tista' tqis u tikkunsidra.

Il-**Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza Briffa v. Abela, deċiża fit-28 ta' Marzu 2003,** osservat li ma hemm xejn kuntrarju għall-esebizzjoni f'kawża ċivili ta' kopja ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fuq l-istess fatti, iżda l-ġudizzju in sede penale jikkostitwixxi "*waħda mill-provi, għalkemm hi prova importanti*". Din il-Qorti, fis-**Sentenza fl-ismijiet Xuereb v. Micallef, deċiża fis-26 ta' Novembru 1923** kienet approvat dak li qal il-ġurista Laurent fis-sens illi "*si ritiene che il giudice civile puo` al bisogno attingere gli elementi della sua canonizazzione alle prove raccolta in procedimento penale*". Fil-waqt li l-**Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet Degabriele -vs- Montebello, deċiza fit-28 ta' Jannar 2010**, b'adezjoni ta' ġurisprudenza anterjuri, qalet li "*ma hemm xejn ħazin li ġudikant fi proċess ċivili jorbot deċiżjoni tiegħu mal-provi miġbura fi provediment kriminali*", proprju għaliex fil-liġi ma hemm xejn kuntrarju għal esebizzjoni f'kawża ċivili ta' kopja ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fuq l-istess fatti. Dik il-Qorti enfasizzat, pero', li dik hi biss waħda mill-provi li l-Qorti ċivili trid tieħu in konsiderazzjoni (ara wkoll, fl-istess

sens, is-**Sentenza fl-ismijiet Pace v. Camilleri, deċiza minn din il-Qorti fis-27 ta' Lulju 2007**).

Fl-aħħar nett ma hemm xejn xi jżomm lill-konvenut sabiex jindaga mal-Awtoritajiet li kkonduċew l-investigazzjoni biex jipprova jikseb l-indirizz tax-xhieda in kwistjoni biex jekk irid iressaqhom f'dawn il-proċeduri. Imma l-fatt li dawn illum ma humiex preżenti Malta u forsi anke ma jistgħux jinstabu m'għandux iwassal għal dak li jrid il-konvenut sakemmm ma jkunx ipprovat li dan seħħ tort ta' l-Attur, li minn imkien ma jirriżuta li dan huwa l-każ.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed tiċħad it-talbiet tal-konvenut fir-rikors tiegħu tat-13 ta' Jannar 2022.

**Imħallef Toni Abela LL.D.**

**Illum 7 ta' Marzu 2024**